MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Mandat Numru. 2/2015/1

**Diane Muscat**

**(K.I. Nru. 82875M)**

***kontra***

**Joseph Salvatore Said**
**(K.I. Nru. 55186M)**

***u***

**ROCS Company Limited (C15385)**

***u***

**ROCS Services Limited (C25914)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fil-5 ta` Jannar 2015. Mar-rikors kien prezentat dokument.

Fil-5 ta` Jannar 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 19 ta` Jannar 2015 fid-9.15 a.m.

Is-socjetajiet intimati kienu notifikati fis-6 ta` Jannar 2015 u pprezentaw risposta bil-miktub fl-14 ta` Jannar 2015. Mar-risposta, kienu prezentati ghadd ta` dokumenti.

L-intimat l-iehor kien notifikat fis-16 ta` Jannar 2015 u pprezenta risposta bil-miktub fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015 meta kien trattat ir-rikors.

Fil-kors tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015, ir-rikorrenti pprezentat nota fejn cediet l-atti tar-rikors limitatament fil-konfront tas-socjetajiet intimati.

Wara li d-difensuri ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba skond ir-rikors

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni sabiex izomm lill-intimati :-

*ROCS Company Limited u / jew ROCS Services Limited milli jittrasferixxu lill-intimat Joseph Salvatore Said, u lill-intimat Joseph Salvatore Said milli jircievi t-trasferiment ta` l-vettura tal-ghamla Renault Captur.*

## III. It-talba llum

**Mill-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2015, jirrizulta ghaliex ir-rikorrenti cediet l-atti limitatament fil-konfront tas-socjetajiet intimati. Dan ifisser illi l-istat illum huwa cirkoskritt ghal kwistjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat Joseph Salvatore Said, li ghal fini ta` dan il-procediment, tirrisolvi ruhha filli t-talba tar-rikorrenti tkun illi *l-intimat. Joseph Salvatore Said*** ikun inibit ***milli jircievi t-trasferiment ta` l-vettura tal-ghamla Renault Captur***

## IV. Il-pretensjoni tar-rikorrenti

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija mfissra bl-akbar mod car fir-rikors promotur. Ghalhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal fol 2 tal-atti a skans ta` ripetizzjoni.

## V. <u>Id-difiza tal-intimata</u>

*Sintetikament*, il-kontestazzjoni tal-intimat hija li l-biljett tar-rebh tal-vettura in kwistjoni kien tieghu, u tieghu biss legittimament, minghajr jedd ta` xejn da parti tar-rikorrenti. Ghad-dettalji, il-Qorti tirreferi ghar-risposta tal-intimat a skans ta` ripetizzjoni.

## V. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

Skond **<u>l-ewwel subinciz tal-Art 873 tal-Kap 12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond **<u>it-tieni subinciz</u>** tal-istess artikolu –

*Il-Qorti* ***<u>m`ghandhiex</u>*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**Meqjusa flimkien iz-zewg subincizi, jirrizulta li sabiex jista` jinkiseb il-hrug tal-Mandat, iridu jissussistu flimkien dawn ir-rekwiziti :-**

1) **Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent ;**

2) **Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta`l-jedd ; u**

3) **Il-pregudizzju tar-rikorrent.**

Tajjeb li jinghad illi dawn ir-rekwiziti **huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Li allura jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Din hija r-raguni ghala l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew ma ghandu jippretendi li bil-procedura sommarja ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**VI. <u>Risultanzi</u>**

- **<u>Il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti</u>**

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**<u>Grech pro et noe vs Manfre</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar "il-jedd *prima facie*" :-

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi saret il-prova tal-jedd *prima facie*. Ir-rikorrenti ssostni l-pretensjoni taghha <u>bil-gurament</u> billi tghid li kienet hi illi hallset ghall-vjagg li kien abbinat ma` l-hrug ta` biljetti ghal eventwali rebh tal-vettura *de qua*. Ghalhekk skond ir-rikorrenti, huwa rrilevanti, ghall-fini tal-affermazzjoni tal-jedd taghha *prima facie*, illi l-biljett rebbieh kien f`isem l-intimat ; *multo magis* meta, skond ir-rikorrenti, l-intimat qabad u nizzel ismu fuq il-biljetti, ad insaputa taghha.

It-twegiba *sekka* tal-intimat hija illi huwa hareg sehmu mill-prezz tal-vjagg – fatt kontestat mir-rikorrenti – u ghalhekk kien intitolat inizzel ismu fuq il-biljetti – li wiehed minnhom inserta dak rebbieh.

Ghal din il-Qorti, jedd sal-livell ta` *prima facie* jirrizulta fir-rigward tar-rikorrenti sabiex tavvanza talba ghall-hrug tal-Mandat.

**<u>Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd u r-rekwizit ta` l-pregudizzju tar-rikorrent</u>**

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li dawn l-elementi ma jirrizultawx.

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **<u>mezz procedurali eccezzjonali</u>** ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent **<u>jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli</u>**. Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"<u>Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>"** din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**<u>ara wkoll</u>** : il-provvediment ta` din il-Qorti **<u>PA/AM</u>** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**<u>Borg Grech vs Gasan et noe</u>**")

Fuq il-fatti kif jirrizultaw ghall-fini tal-procediment tal-lum, il-Qorti tirrileva li l-affermazzjoni tal-jedd tar-rikorrenti fil-petitorju ma tiddependix fuq il-htiega li l-Qorti tilqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat. Ir-rikorrenti ma tiddekadi minn ebda jedd fil-petitorju jekk il-Mandat ma johrogx. Din il-Qorti tosserva inoltre li l-fatt li l-Mandat ma jkunx hareg mhuwiex se jirreka

pregudizzju tali lir-rikorrenti li ma jistax jissewwa b`mod iehor. Sabiex sabiex issarraf il-jedd taghha ghandha toroq alternattivi miftuha quddiemha li ma jaghmlux mill-procedura ta` dan il-Mandat l-unika ankra li maghha trid ta` bilfors torbot ir-rikorrenti.

Ladarba ma jirrizultawx ippruvati l-elementi tal-*htiega* u tal-*pregudizzju rrimedjabbli* kif fuq premess, il-Qorti hija prekluza (*m`ghandhiex*) milli tordna l-hrug tal-Mandat ghaliex mhux ir-rekwiziti **kollha** (minghajr eskluzjoni) huma sodisfatti.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi hekk :-**

**1) Wara li rat in-nota li pprezentat ir-rikorrenti fid-19 ta` Jannar 2015 fejn cediet l-atti kontra s-socjetajiet intimati, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors safejn dan jolqot lis-socjetajiet intimati.**

**2) Konsegwentement qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tal-5 ta` Jannar 2015 safejn kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat kontra s-socjetajiet intimati.**

**3) Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat kontra l-intimat Joseph Salvatore Said.**

**4) Konsegwentement qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tal-5 ta` Jannar 2015 safejn kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat kontra l-istess intimat.**

**5) Tordna lir-rikorrenti sabiex tbati l-ispejjez taghha u sabiex thallas l-ispejjez tas-socjetajiet intimati.**

**6) Tordna lill-intimat l-iehor Joseph Salvatore Said sabiex ibati l-ispejjez tieghu.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------